**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 91/2013**

**Valcall Limited (C 10914)**

**vs**

**Cocopazzo Limited (C 17117)**

**Illum 28 ta' Novembru, 2016**

Il-Bord;

Ra r-rikors tas-socjetà rikorrenti li jghid hekk:

> Illi permezz ta' skrittura privata datata l-hamsa (5) ta' Dicembru, 1994 is-socjetà konvenuta kriet minghand is-socjetà rikorrenti, l-fond kummercjali numru erbgha u hamsin (54) gewwa South Street, Valletta (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. A');
>
> Illi f'Jannar 2013 is-socjetà intimata vvakat il-fond mertu ta' dina l-kawza u c-cwievet gew konsenjati lis-socjetà rikorrenti;

Illi s-socjetà intimata naqset li thallas arretrati ta' ammonti dovuti fil-konfront tal-kirja li jammontaw ghall-tmintax-il elf, tmien mija tlieta u ghoxrin Ewro u tnejn u ghoxrin Ewro centezmi (€18,823.22) (u dan kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. B');

Illi inoltre, s-socjetà rikorrenti kienet kostretta thallas lis-socjetà ARMS Limited, kontijiet ta' dawl u ilma utillizzati mis-socjetà intimata liema kontijiet jammontaw ghal seba' t'elef mija tlieta u sittin Ewro (ara d-dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. C');

Illi apparti dawn l-ammonti, s-socjetà intimata naqset illi thallas il-licenzji tal-operat ta' restaurant lill-Malta Tourism Authority ghal erba' snin shah u cioè fl-ammont ta' elfejn u tmien mitt Ewro (€2,800), liema somma trid tithallas mis-socjetà rikorrenti sabiex jitkompla l-operat tal-fond;

Illi finalment, is-socjetà rikorrenti kienet ukoll kostretta thallas ghan-nom tas-socjetà intimata s-somma ta' elfejn mitejn u tmienja u erbghin ewro u erbghin centezmu (€2,248.40) lil Valletta Buildings Tenants Association, rapprezentanti kontribuzzjonijiet ghall-partijiet komuni tal-imsemmija Valletta Buildings fejn fil-fatt jinsab il-fond in kwistjoni (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. D');

Illi b'hekk it-total dovut mis-socjetà intimata lis-socjetà rikorrenti huwa ta' wiehed u tletin elf u hamsa u tletin Ewro u tlettax-il centezmu (€31,035.13), liema ammont huwa kollu kemm hu konness mal-kirja originali u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi nonostante li l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas din is-somma u dan fost l-ohrajn permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 3229/12 datata t-18 t'Ottubru, 2012 s-socjetà intimata baqghet inadempenti.

Tghid ghalhekk is-socjetà konvenuta ghaliex dan l-Onorabbli Bord m'ghandux:

1. Jiddikjara u jiddeciedi li s-socjetà konvenuta hija debitrici fil-konfront tas-socjetà rikorrenti fis-somma komplessiva ta' wiehed u tletin elf u hamsa u tletin Ewro u tlettax-il centezmu (€31,035.13) u dan ghar-ragunijiet hawn fuq mfissra;

2. Jikkundanna lis-socjetà intimata thallas lir-rikorrenti s-somma hawn fuq indikata.

Bl-ispejjez u inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata t-18 t'Ottubru, 2012 (ittra ufficjali numru 3229/2012) u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Ra illi s-socjetà intimata giet debitament notifikata permezz tal-procedura tal-affissjoni fid-09 ta' Gunju 2014, skont ir-riferta fuq in-naha ta' wara ta' folio 26 tal-process, u permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni skont il-kopja tal-gazzetta tal-gvern a folio 27 tal-process u l-kopja tal-gazzetta lokali a folio 29 tal-process, izda ma pprezenta l-ebda risposta;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi s-socjetà intimata minkejja li debitament notifikata baqghet kontumaci mhux biss ghax ma pprezentat l-ebda risposta izda wkoll naqset illi tidher quddiem il-Bord biex tikkontesta t-talba tar-rikorrenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti;

Ra illi fis-seduta tad-09 ta' April 2015, ir-rapprezentant tas-socjetà rikorrenti, Karl Calleja, kkonferma bil-gurament it-talbiet tas-socjetà rikorrenti u illi minn meta giet prezentata l-kawza l-fatti baqghu l-istess kif dikjarati fir-rikors promotur;

Ra illi fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2016, il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu li dan il-Bord (1) jiddikjara u jiddeciedi li s-socjetà intimata hija debitrici fil-konfront tas-socjetà rikorrenti fis-somma komplessiva ta' wiehed u tletin elf u hamsa u tletin Ewro u tlettax-il centezmu (€31,035.13) u dan ghar-ragunijiet hawn fuq mfissra; (2) Jikkundanna lis-socjetà intimata thallas lis-socjetà rikorrenti l-imsemmija s-somma. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Illi s-socjetà intimata minkejja li debitament notifikata baqghet kontumaci mhux biss ghax ma prezentat l-ebda risposta izda wkoll naqset illi tidher quddiem il-Bord biex tikkontesta t-talba tas-socjetà rikorrenti.

Illi s-socjetà rikorrenti ressqet diversi provi li a bazi taghhom it-talbiet tas-socjetà rikorrenti jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet tas-socjetà rikorrenti bl-ispejjez kontra s-socjetà intimata u bl-imghax sad-data tal-effettiv pagament.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur